L-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
MALTA
OFFICE OF THE PRIME MINISTER

*Dipartiment għall-Gvern Lokali*
*Department for Local Government*

Ref. Tagħna: LCD 13/1994/XV

30 ta' Novembru 2011

Lill-Presidenti, Viċi Presidenti,
Membri u Segretarji Eżekuttivi
Kumitati Reġjonali

Lis-Sindki, Viċi Sindki, Kunsilliera,
Segretarji Eżekuttivi u Membri tal-I*staff*
Kunsilli Lokali
u *Chairpersons* u Membri
Kumitati Amministrattivi

# MEMO 118/2011

## *EIE EXCELLENCE IN LEADERSHIP SCHOLARSHIP AND AWARD*

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali jemmen bis-sħiħ fil-valur li għandha tingħata r-riżorsa umana li ssawwar il-Gvern Lokali u fil-ħtieġa li ninvestu fin-nies tagħna. Kien proprju dan li xpruna l-impenn tad-Dipartiment matul din is-sena u li wassal biex ittieħdu diversi inizjattivi ġodda favur taħriġ estensiv, liema inizjattivi se jintensifikaw matul is-sena d-dieħla.

Minbarra dan it-taħriġ li ngħata matul is-sena, d-Dipartiment ħa ħsieb jippjana biex jagħti ġieħ lil min jispikka fil-kwalitajiet tiegħu tat-tmexxija, sew jekk inhu membru elett kif ukoll jekk qed jaqdi funzjoni eżekuttiva fil-qasam tal-Gvern Lokali.

Hu l-pjaċir tad-Dipartiment iħabbar it-tnedija tal-inizjattiva *EIE Excellence in Leadership Scholarship and Award* maħsuba biex tagħti rikonoxximent pubbliku lil min ikun iddistingwa ruħu fil-qasam tal-ħidma tiegħu. Il-premju jikkonsisti f'kors akkademiku offrut f'Malta mill-*European Institute of Education* li hu ċentru akkreditat mill-*Institute of Leadership and Management* li jwassal għal Diploma Għolja fi *Strategic Leadership and Executive Management,* liema kors hu akkreditat f'livell 7 mill-Kunsill Malti għall-Kwalifiċi. Kopja tal-*prospectus* tal-kors hi mehmuża.

Id-Dipartiment jirringrazzja lil *EIE Group* li għoġbu jkun sħab ma' dan id-Dipartiment biex se ssir din l-inizjattiva għall-ewwel darba fl-istorja tal-Gvern Lokali f'pajjiżna. Dan l-i*Scholarship* ikopri l-ħlas kollu tal-kors, li jlaħħaq għal € 6,000, u li se jingħata wieħed lil kull rebbieħ/a fil-kategorija rispettiva. Il-ftehim tal-i*sponsorship* ilaħħaq għal kontribuzzjoni ta' 50% mill-*European Institute of Education* u 50% mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Ir-regolamenti u l-proċess tal-għażla jinsabu wkoll mehmuża ma' dan il-*Memorandum.*

Il-Kumitati Reġjonali, il-Kunsilli Lokali u l-Kumitati Amministrattivi huma mħeġġa jinnominaw lil Membru minn tagħhom u/jew lis-Segretarju Eżekuttiv jew lil membru tal-i*staff* għal dan il-premju u l-i*scholarship* prestiġġjużi, li ċertament jagħmel unur lil kull min ikun ġie nnominat.

26 TRIQ L-ARĊISQOF, VALLETTA VLT 2000
TEL: 2200 2300 FAX: 2200 2390

Id-Dipartiment jirringrazzja wkoll lis-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumaturi, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika għall-appoġġ f'din l-inizjattiva u jfakkar li l-applikazzjonijiet magħluqa għandhom jaslu d-Dipartiment (għall-attenzjoni tas-Sur Adrian Mifsud), sa mhux aktar tard minn **nofsinhar tal-Erbgħa, 21 ta' Diċembru 2011**.

Ir-rebbieħa jiġu mħabbra f'serata speċjali li ser issir f'Jannar 2012 u li għaliha jkunu mistiedna biex jattendu l-applikanti kollha kif ukoll il-Kumitat Reġjonali, Kunsill Lokali u/jew Kumitat Amministrattiv li jkun għamel in-nomina.

Id-Dipartiment iħeġġiġkom tagħmlu n-nominazzjonijiet tagħkom ħalli ninvestu aktar fir-riżorsi umani li qed iwettqu ħidma siewja fil-lokalitajiet tagħna sabiex nibnu komunitajiet sostenibbli.

Carmel Abela
Direttur, Gvern Lokali

Mehmuża: *Prospectus*
Regolamenti u l-proċess tal-għażla

Kopji: Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, Uffiċċju tal-Prim Ministru
Segretarju Permanenti Ewlieni
Kelliemi Ewlieni tal-Oppożizzjoni għall-Gvern Lokali
Awditur Ġenerali
Ombudsman
Segretarju Privat tal-Prim Ministru, Uffiċċju tal-Prim Ministru
President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Segretarji Eżekuttivi Kunsilli Lokali (Malta)